LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA BIEX JAMMINISTRAW IS-SILLABI TAL-MALTI MLB GĦAS-SENA SKOLASTIKA 2020-2021

Daħla

Minħabba l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, it-tagħlim fit-tieni nofs tas-sena skolastika 2019-2020 kellu jieħu xejriet differenti li b'xi mod jew ieħor ħallew effett fuq l-istudenti. Għalhekk fil-każ tal-Programm tat-Tagħlim u l-Assessjar tal-Malti MLB l-għalliema u l-Kapijiet tal-Iskejjel għandhom isegwu dawn il-linji gwida.

**Fil-Medja**

L-istudenti li fis-sena skolastika 2020-21 se jkunu:

- **fis-seba' sena** se jsegwu l-programm ta' tagħlim u Assessjar MLB f'rotta 1 jew rotta 2 skont il-livell li jkun laħaq l-istudent fil-Primarja.
- **fit-tmien sena se** jsegwu l-programmi ta' tagħlim u assessjar (rotta1 jew rotta2) tat-tmien sena. Meta dawn l-istudenti jaslu fid-disa' sena jsegwu r-rotta skont il-livell MQF tas-sillabu MLB SEC.

**Fis-Sekondarja**

L-istudenti li fis-sena skolastika 2020-21 se jkunu:

- **fid-disa' sena** se jsegwu l-programm tat-tagħlim u assessjar tat-tmien sena rotta 1 jew rotta 2 skont il-livell li jkunu fih l-istudenti. Meta dawn l-istudenti jaslu fl-għaxar u l-ħdax -il sena jkomplu jsegwi r-rotta 1,2, jew 3 tat-tmien sena skont il-livell li jkunu laħqu. Jekk l-istudenti jagħmlu progress fil-lingwa, jistgħu wkoll jimxu mainstream u jsegwu l-programm ta' Rotta 1 tal-Malti mill-għaxar sena 'l quddiem.
- **fl-għaxar u l-ħdax** -il sena jimxu mal-programm tat-tagħlim u l-assessjar tal-A1 . Jekk ikunu laħqu dan il-livell b'suċċess jistgħu jimxu ma' rotta 2 tat-tmien sena.

L-għalliema għandhom jirreferu għal dawn il-ħoloq fejn isibu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa dwar il-Programmi ta' tagħlim u assessjar.

https://malti.skola.edu.mt/sillabi-godda/

https://malti.skola.edu.mt/assessjar-kontinwu-2019-2020/